9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 53**

**It-Tnejn, 11 ta' Lulju 2022**

Il-Laqgħa numru 53 saret b'mod virtwali fil-11 ta' Lulju 2022 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sa Roberta Sultana | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3**):

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

**53.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

Is-Sindku informa lill-membri li ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**53.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tal-51 u tat-52 laqgħa ġew approvati unanimament wara li saru l-korrezzjonijiet.

**53.2.2 Korrezzjonijiet**

**53.2.2.1 – Minuta 51.5.9** minflok il-kelma "ħi" issir "ħin"
**53.2.2.2 – Minuta 51.6.1** minflok il-kelma "akwara" issir "akwata"
**53.2.2.3 – Minuta 51.6.4** minflok il-kelma"tablet" issir "talbet".

**53.3 Punti mqajjma mill-minuti**

**53.3.1** Minuta 51.3.4 – Is-Sindku informa lill-membri li s-sotto Kumitat imexxi mis-Sur Silvio Vella iltaqa' u kien ġie diskuss x'jista' jsir sabiex tinbidel l-istemma tal-Kunsill. Kien suġġerit sabiex imorru fuq id-disinn li kien sar mis-Sur Charles Gauci fl-1964. Anness bħala DOK1 hemm il-Minuti ta' din il-laqgħa. Oltre kienhemm qbil sabiex tissejjaħ laqgħa mas-Sur Gauci.

**53.3.2** Minuta 51.6.2 – Is-Sindku informa lill-membri li dwar *Traffic Management* Triq San Ġorġ / Triq Salvinu Spiteri il-Perit Audrey Testaferrata De Noto mhux tagħmel dan it-tip ta' xogħol u għaldaqstant irridu nsibu Perit ieħor sabiex jinġieb parir tekniku dwar dan it-traffic management.

**53.3.3** Minuta 51.6.3 - Is-Sindku informa lill-membri dwar id-dokument li kien gie diskuss fuq it-tibdil tal-linja gwida li jinsab bhala DOK 2.

Wara diksussjoni l-membri qablu ma ċertu tibdil li kien ġie propost.

**53.3.4** Minuta 51.10.1 - Is-Sindku nforma lill-membri li wara li kkonsulta mar-Regjun hu ġie notifikat li huwa previst li l-iskips jitneħħew kollha minħabba t-tender tal-gbir tal-iskart li ħarget għal Malta kollha. F'dan ir-rigward is-Sindku ssuġerixxa sabiex igib kopja ta' dan it-tender sabiex jara jekk hemm xi klawsola fuq l-iskips u wara wieħed jista' jieħu deċizjoni minn hemm

53.3.5 Minuti 52 – Is-sindku nforma lill-membri li is-Sa Joanne Grima bdiet taħdem fil-Kunsill fi rwol ta' Assistant Prinċipal.

**51.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

53.4.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar dik il-persuna li xtaqet teduka lin-nies sabiex ma jibqghux joħorġu skart bl-addocc is-Sindku qal li fuq parir tal-Avikat ikun għaqli li dan ma jsirx. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li ser joqgħod fuq dan il-parir. Il-Membri qablu ma' dan il-parir legali wkoll.

53.4.2 Is-Sindku informa lill-membri li r-Reġjun nofsinhar elenka li jsir studju fuq l-impatti soċjali fil-lokalitajiet kollha tar-reġjun fl-ewwel sena ta' kull leġiżlatura tiegħu. L-istudju se jsir għal kull lokalità b'mod indipendenti, biex imbagħad ir-riżultat ikun jista' jitqabbel bejn il-lokalitajiet, u anke bejn reġjuni oħra. Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar qed jikkollabora mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u erba' Kunsilli Reġjonali oħra sabiex tinħareġ sejħa pubblika waħda fuq speċifikazzjonijiet u fatturi b'mod uniformi.

53.4.3 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Perit tal-Kunsill lesta l-pjanta ta' kif ser ikunu mqassma l-klassijiet ghat-taħrig li ser isir bil-fondi ta' Norwegian Funds.

## 53.5 Rapporti / Korrispondenza

**53.5.1** Is-Sindku nforma lill-membri li Santa Venera Lightnings talbu lill-Kunsill sabiex l-għajnuna finanzjarja minħabba li l-grawnd mhux ser ikun jista' jintuza minhabba in-nar tal-Festa bejn 20 ta' Lulju u t-3 t'Awwissu. F'dan ir-rigward Santa Venera Lightnings ser ikollhom jikru post alternattiv sabiex it-taħrig isir xorta waħda u għaldaqstant qed jitolbu sabiex il-Kunsill iħallas din l-ispiza.

Wara diskussjoni s-Sindku nforma lill-membri li skont il-leġiżlazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Kunsill ma jistax ihallas spejjez bhal dawn u għaldaqstant qal li ser jagħmel tajjeb personalment għal din l-ispiza.

**53.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand s-Sa Coleiro, kordinatur ta' Skola Sajf f'Santa Venera fejn tixtieq torganizza attivita' flimkien mal-Kunsill Lokali St. Venera. L-idea hi li jingiebu xi studenti tal-eta' bejn 11 u 14 il-sena u jifformaw Kunsill tat-tfal, fejn dawn jiddiskutu flimkien mas-Sindu dak li jixtiequ bhala tfal li jsir fil-lokalita' fejn jghixu. Wara diskussjoni s-Sindku qal li b'din l-inizzjattiva nkunu qed inħarrgu lit-tfal biex isemmghu lehinhom u naraw l-ideat taghhom. Kif ukoll nippreparawhom biex forsi 'l quddiem ikunu kandidati ghall-Kunsill Lokali.

Il-Membri qablu unanimament

**53.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali bl-iskema SPI.SCI.6.2022 Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Progetti Infrastrutturali Magguri li gew imwettqa mill-Gvern Centrali. Din l-applikazzjoni trid tiġi sottomessa sat-30 ta' Settembru 2022. Is-Sindku ssuġerrixxa sabiex il-Kunsill japplika sabiex issir l-manutenzjoni tal-grawnd tal-Lightnings.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimamet sabiex is-Sur Gianluca Falzon jieħu ħsieb din l-applikazzjoni.

F'dan il-ħin 19:20 is-Sa Roberta Sultana tablet sabiex tiġi skuzata għall-kumplament tal-Laqgħa.

**53.5.4.** Is-Sindku informa lill-membri li waslet talba mingħand is-Sa Romina Frendo sabiex il-kunsill jalloka €1k minħbba l-fatt li l-qtates fil-lokal żdiedu u hemm bzonn jerga jibda jsir in-neutering.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament u s-Sindku qal ukoll li fiż-żmien li gej kellha terga' toħroġ ukoll l-iskema tal-gvern.

**53.5.5.** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kummisjoni dwar il-Vjolenza bbażata fuq is-Sess u l-Vjolenza Domestika li ser tniedi kampanja sabiex ikompli jizdied l-gharfien dwar il-problema ta' kull xorta tal-vjolenza domestika. L-ideja hi li s-sinjali tal-one way jinbidlu u jigu b'forma ta' qalb.

Wara diskussjoni il-membri qablu li jibghatu għall-awtorizzazjoni lil Transport Malta.

**53.5.6** Is-Sindku informa lill-membri li s-sur rokku Mifsud talab lill-Kunsill sabiex jiżdied il-b'20% il-ħlas tal-knis minħabba li l-istess kuntratt ezistenti kien skada. Wara diskussjoni dwar il-fatt li dan is-servizz ma kiex qieghed ikun kif kien stipulat fl-istess kuntratt u fir-rigward tal-ħmieg u r-rapporti li ta' kull xhar kienu qed isiru mill-Contracts Manager, il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba u ghaldaqstant il-kunsill iddecida b'mod unanimu li qed ikun terminat ukoll il-kuntratt attwali tas-servizz tal-Knis mit-Tnejn 18 ta' Lulju 2022 ġaladarba l-istess kuntrattur huwa skadut.

F'diskussjoni l-membri qablu b'mod unanimu li temporanjament sakemm jinħareġ it-tender il-gdid il-Kunsill jista' jgib kwotazzjonijiet u jitqabdu erba' kuntratturi differenti u il-lokalita tinqasam f'erba' zoni u kull kuntarrut ikun resposnabbli iż-żona tiegħu.

## 53.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 53.6.1 Rendikont Finanzjarzu Jannar -Gunju 2022

Is-Sindku informa lill-membri li minħabba li l-Kunsill kien għaddej mill-awditjar tas-sena 2021dan ir-rapport kien għadu ma tlestiex mill-Accountant u għaldaqstant l-acoountant ma setxx jiprezenta dan ir-rendikont finanzjaraju.

### 53.6.2 Mobility week – Settembru 2022

Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż sabiex din issir fit-23 ta' Settembru 2022 u isir kuncert simili bħal dak li sar fis-sena preċedenti.

### 53.6.3 Lezzjonijiet Arti Marzjali

Is-Sindku talab lis-Sur Kursten Dimech sabiex jinforma lill-membri dwar din il-proposta sabiex isiru lezzjonijiet tal-arti marzjali. Is—Sur Dimech qal li għal dawn il-lezzjonijiet jistgħu japplikaw tfal li għandhom il-fuq minn 10 snin fejn isir taħriġ baziku fuq *self defence.*

Waqt disjussjoni ġie suġġerit sabiex dawn il-lezzjonijiet isiru f'Agenzija Żgħazagħ. L-ispiza hi ta' €160 u jekk jintlaqħaq ftheim is-sala tkun b'xejn. Hemm bzonn li jsiru posters biex dawn il-lezzjonijiet ikunu reklamat. Ġie deċiż sabiex dawn jibdew f'Ottubru 2022 u jsiru kull nhar ta Ħamis bejn 6:30pn u 7:30pm jew inkella bejn is-7:00pm u 8:00pm.

### 53.6.4 Responsabiltajiet Ġodda – Sotto Kumitati

Is-Sindku informa lill-membri li minħabba li Dott Caraboyt kien ġie elett fil-parlament kien hemm bzonn li jsir xi tibdil fir-responsabiltajiet tal-Kunsilliera.

nfatti is-sindku qal li is-Sur Joe Vella ingħata d-dekasteru li kellu Dott Darren Carabott dak tal-Ambjent u żamma tal-Ġonna u s-Soft areas flimkien ma' self-employed. Mill-banda l-oħra s-Sa Roberta Sultana ngħatat id-dekeasteru ta' Trasport Pubbliku, Integrazzjoni Soċjali flimkien ma' Opportunitajiet Indaqs u Harsin tal-Konsumatur.

**53.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti**

**53.7.1** L-Iskeda tal-pagamenti u Petty Cash ġew diskussa u approvati.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sur Silvio Vella u Sekondant: Is-Sa Roberta Sultana.

Is-Sindku nforma lill-membri li l-ħin tal-laqgħa kien skada ghax kienu saru it-8:30pm u wara diskussjoni ġie deċiż sabiex il-laqgħa titkompla l-Ħamis 21 ta' Lulju fl-4:30pm.

Ikkonfermati illum 22t'Awwissu 2022

| | |
|---|---|
| Stephen Sultana | Michael Mifsud |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |